MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1646/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Anthony Camilleri u Francis Galea**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-Korporazzjoni attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm368.25c) rapprezentanti danni kkagunati f'arblu ta' l-elettriku proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici f'incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Dicembru, 2002 fil-*bus terminus* tal-Furjana meta l-konvenut Anthony Camilleri kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBY 301 proprjeta' tal-konvenut l-iehor Francis Galea.

Ra r-Risposta tal-konvenut Anthony Camilleri li biha eccepixxa l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal u li inoltre, l-arblu in kwistjoni kien wiehed bla valur stante li kien f’kundizzjoni hazina hafna u li dan kien ilu sentejn biex jitnehha ghaliex kien ikkundannat ghar-rimi.

Ra d-decizjoni in parte tad-29 t’Ottubru, 2004 li biha giet michuda l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata mill-konvenut Anthony Camilleri.

Sema’ x-xhieda ta’ ex PS 782 Joseph Schembri, Lawrence Zammit u Anthony Camilleri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Anne Marie Busuttil ghall-Korporazzjoni attrici u ta’ Dr Joseph Sammut ghal Anthony Camilleri.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta’ l-incident Anthony Camilleri kien qed jirriversja x-xarabank bin-numru ta’ registrazzjoni DBY 301 fil-venda tal-karozzi tal-linja l-Belt u meta kien qed jaghmel tali manuvra huwa laqat arblu tad-dawl li kien fuq il-bankina warajh u b’rizultat ta’ dan, dan l-arblu waqa’ cappetta ghal fuq xarabank ohra. Meta waqa’ anki nkisru l-fanali ta’ l-istess arblu tad-dawl.

Jirrizulta wkoll li Francis Galea huwa s-sid tal-vettura li kien qed isuq l-istess Anthony Camilleri.
Fir-rigward ta’ Francis Galea ma jirrizultax li dan ghandu ebda nvolviment fil-kollizjoni in kwistjoni. L-unika nvolviment tieghu hu, li huwa s-sid tax-xarabank in kwistjoni. Huwa m’ghandu x’jaqsam xejn mal-kollizjoni u konsegwentement it-Tribunal jidhirlu illi ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghar-rigward tal-konvenut Anthony Camilleri jirrizulta car illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament responsabbilta’ tieghu li kien qed jaghmel manuvra ta’

*reversing* minghajr ma ha l-prekawzjonijiet xierqa. Xarabank hija vettura goffa u messu, jekk ma kellux vizwali tajba, li talab lil xi hadd jaghtih assistenza u jaralu minn wara.

Meta huwa qabad jirriversja u laqat arblu ta' l-elettriku li kien fuq il-bankina, huwa kkawza hsara li ghaliha ghandu jwiegeb hu.

Il-kontestazzjoni principali f'din il-kawza tirrigwarda l-*quantum* tad-danni.

Xehed Lawrence Zammit li anki spjega illi l-arblu in kwistjoni kien fih hafna sadid tant illi meta huma ghamlu kalkolu tal-hsarat ghamlu *depreciation* ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84) li huwa hamsin fil-mija (50%) tal-valur ta' l-arblu w *arm*. L-*arm* ta' l-arblu l-antik ma setax jintuza billi ma kienx jiffittja ma' l-arblu l-gdid. Ghalhekk meta sar l-arblu l-gdid saru *fittings* totalment godda. L-ispejjez tal-materjal sabiex isir arblu gdid huwa ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm371.25c) u maghhom kien hemm wiehed u tmenin lira Maltin (Lm81) *labour* li b'kollox jitilghu ghal erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm452.25c). L-atturi taw riduzzjoni ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84) ghad-*depreciation* biex b'hekk tigi s-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm368.25c) cjoe' l-ammont mitlub f'din il-kawza.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi galadarba l-arblu kien daqshekk minsus, jidher car illi minkejja li l-konvenut Anthony Camilleri ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni rizultanti ghall-incident, id-danni ma kienux ikunu daqshekk gravi kieku l-arblu in kwistjoni kien fi stat ahjar milli kien. Certament riduzzjoni ossija *deduction* ta' hamsin fil-mija (50%) ta' l-arblu biss m'huwiex sufficjenti billi jista' jkun ukoll u anzi huwa probabbli li ma kienx ikun hemm hsara fil-bozoz u fil-lampi konnessi ma' l-arblu kieku l-arblu semplicement intlaqat u ghalkemm l-arblu nnifsu kien ikollu bzonn jinbidel, jista' jkun ukoll illi certu *fittings* setghu jigu salvati billi ma kienux jinkisru.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi ghandu jkun hemm *deduction* ulterjuri ekwivalenti ghal hamsin fil-mija (50%) fuq il-kont kollu u mhux ta' l-arblu biss. Minhabba f'hekk ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talba attrici ghandha tigi akkolta ghas-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm226.12c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lil Francis Galea mill-osservanza tal-gudizzju, jiddikjara lill-konvenut Anthony Camilleri unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundanna lil Camilleri sabiex ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm226.12c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez huma kwantu ghal terz (1/3) ghall-Korporazzjoni attrici u zewg terzi (2/3) ghal Anthony Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------